*Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu waqt ċerimonja mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta b'tifkira lill-Vittmi tal-Gwerra nhar il-Ħadd, 11 ta' Novembru 2001, f'riġlejn il-monument iddedikat lill-Qalbiena Mostin. Għalhekk nirringrazzjawh talli għaddihulna biex nippubblikawh.*



# Lill-Qalbiena Mostin

*minn* **Giov. De MARTINO**

**Dawk** kollha li xi darba jew oħra studjaw xi naqra l-istorja tad-dinja, jekk jieqfu u jaħsbu naqra, ma jistgħux ma jinnotawx illi minn kull mitt faċċata li qraw u studjaw, minn kull mitt data li ppruvajna nitgħallmu bl-amment meta konna tfal fuq il-bank ta' l-iskola, minn kull mitt isem ta' nies hekk imsejjħa importanti, minn kull mitt isem ta' bliet u minn kull ġrajja, 99 minnhom dejjem kellhom x'jaqsmu ma' xi gwerra - kbira jew żgħira, fil-qrib jew fil-bogħod. Imma dejjem gwerra. Anke ħafna mill-kalkoli tagħna, aħna nagħmluhom mal-gwerra: qabel, wara, fi żmien ... Veru għajb għalina l-bnedmin li minkejja l-intelliġenza li ħejjinna biha l-Bambin, minkejja tant u tant proponimenti, minkejja tant firem, dokumenti u intenzjonijiet tajba, minkejja tant laqgħat u *summits*, minkejja kollox, minkejja l-istess esperjenza ta' kull wieħed u kull waħda minna, nibqgħu ma nitgħallmu qatt li fil-gwerra jitlef kulħadd u ma jirbaħ ħadd! Tistagħġeb kif il-bniedem, bl-intelliġenza tiegħu kollha, ma jasalx biex jifhem kemm ikun aħjar għal kulħadd li jgħix fil-kwiet u fil-paċi. Kulħadd iwaħħal f'kulħadd; kulħadd jitfa' l-ħtija fuq kulħadd; kulħadd jipponta sebgħu lejn kulħadd u sadanittant ... kulħadd jipprova jkisser lil kulħadd. Allaħares ikollna nagħmlu lista ta' gwerer li bħalissa, f'dan il-mument, qegħdin ikunu miġġielda f'kull rokna tad-dinja. Araw l-aħbarijiet fuq it-televiżjoni, x'ħin tridu u meta tridu u taraw għandix raġun jew le!



*L-abbozz tal-monument lill-Qalbiena Mostin. Xogħol l-iskultur Mosti Ġanni Bonnici.*

U propju għalhekk qegħdin hawn illum. Biex infakkru l-aħħar żewġ gwerer kbar li ġabu tant ħerba, li qatlu tant nies, li ħallew tant orfni, tant romol u tant immankati mad-dinja kollha, l-aktar ma' l-Ewropa. U Malta, dak iż-żmien bażi importanti ħafna ta' Imperu importanti ħafna f'nofs ta' baħar hu wkoll importanti ħafna ma setgħetx ma tiħux hi wkoll is-sehem tagħha minn din it-traġedja umana.

L-iskola ġieli qrajna u tgħallimna fuq ir-rinaxximent. Kelma li sempliċement tfisser twelid ġdid. Kien hemm żminijiet, ħames, sitt, seba' mitt sena ilu, meta l-Ewropa kienet maħkuma minn gwerer, vandaliżmu, qerda, korruzzjoni kull fejn tħares, fewdaliżmu u kull mitt vizzju immaġinabbli. Kienu żminijiet tant koroh li baqgħu magħrufa bħala d-*Dark Ages* (Iż-Żminijiet tad-Dlam). Hawn Malta anke żmien it-Tiranni kellna. U għalhekk it-twelid mill-ġdid - ir-Rinaxximent.

Għaliex fl-Ewropa kollha, primarjament fl-Italja, nibet moviment ġdid. Moviment favur dak kollu li hu sabiħ fil-ħajja. U bdew jidhru ġenji u artisti li għaġġbu d-dinja bil-kapaċitajiet tagħhom. Ġenji li isimhom baqa' mnaqqax fl-istorja ta' l-umanità. Artisti - mhux atturi taċ-ċinema, imma artisti, verament artisti li lill-umanità kollha ħallewlha patrimonju imprezzabbli: pitturi, skulturi, mużiċisti, poeti, inventuri, esploraturi, bennejja ... Ġenji li kienu 'l fuq minn bnedmin normali. Ġenji

li isimhom ma baqax imsemmi minħabba l-qerda li ġabu imma minħabba l-ġmiel li ħallew għall-ġenerazzjonijiet li ġew warajhom. Ġenji li l-influwenza tagħhom laqtet ukoll lil gżiritna.

Għaliex meta 500 sena ilu Malta għaddiet taħt idejn l-Ordni ta' San Ġwann - il-kavalieri ngħidulhom, Malta kienet fetħet il-bibien tagħha, anke jekk fil-bidu għamlet hekk kontra qalbha, lill-ulied l-aqwa familji Ewropej. Prinċpijiet li kienu ġejjin mill-iżjed familji nobbli ta' l-Ewropa li kienu mdorrijin igħixu mdawrin b'dak kollu li kien sabiħ. U għahekk fil-bidu ħafna minnhom tmeżmżu meta kienu jafu li kienu ġejjin joqogħdu hawn f'nofsna.

Għax hawn ma sabux dak il-ġmiel li huma kienu mdorrijin bih fl-Ewropa. U għalhekk meta ċ-ċirkostanzi tal-mument ġegħluhom jiġu hawn kważi bil-forza, huma ma qagħdux b'idejhom fuq żaqqhom, imma kkommissjonaw lill-aqwa artisti Taljani biex jiġu hawn u juru għerfhom f'din il-gżira. U ħallewlna affarijiet sbieħ u artistiċi, knejjes, palazzi, djar, fortifikazzjonijiet, skulturi, pitturi ... li jsaħħru lil tant turisti li jiġu hawn propju biex jarawhom. Dnub li aħna mhux dejjem napprezzawhom.

L-Ewropa tatna nies kbar. Nies li jġegħluk tiftaħar li tkun Ewropej. Imma l-Ewropa tatna wkoll nies li jġegħluk tisthi tgħid li int Ewropej. Nies li minħabba l-egoiżmu tagħhom, minħabba l-kilba għall-poter tagħhom, minħabba l-mibgħeda li kellhom lejn bnedmin oħra, minħabba teoriji foloz u razziżmu ma ħasbuhiex darbtejn biex tefgħu l-Ewropa f'baħar ta' niket li ġab ħerba sħiħa ma' kulfejn tħares. Dawn ma kinux imħatra bejniethom min jibni l-isbaħ katidrali u knejjes; l-isbaħ palazzi u vilel; ma kinux b'imħatra bejniethom min jagħmel l-isbaħ pitturi, l-isbaħ skulturi; min jikteb l-isbaħ kotba ... Dawn kienu iva b'imħatra bejniethom. Imħatra min joqtol nies l-iżjed u min jeqred l-iżjed dak il-ġmiel li kienu ħallewlna l-antenati tagħna ta' żmien ir-rinaxximent. U ħafna minn dak il-ġmiel li b'tant paċenzja u b'tant dedikazzjoni kien inbena f'mijiet ta' snin, issa nqered f'affari ta' siegħat. U għalhekk hija ħaġa ta' verament ta' swied il-qalb, xi ħaġa tal-biki, xi ħaġa tal-mistħija li aħna qegħdin hawn mhux biex niftakru u nsellmu lill-ġenju ta' Michelangelo, ta' Leonardo da Vinci, ta' Dante, ta' Caravaggio, ta' Raffaello ... imma qegħdin hawn biex niftakru u nagħtu qima u nitolbu għal dawk ħutna kollha Maltin, partikolarment għal dawk ħutna Mostin li b'xi mod jew ieħor, għal xi raġuni jew oħra, jissejħu 'Vittmi tal-Gwerra'. Għalhekk dan il-monument hawn. Biex niftakru fihom. Niftakru li anke huma kienu jiġġerrew hawn bħalna u li ħajjithom inqerdet ħesrem minħabba l-ġenn tal-bniedem.

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

Kont tifel żgħir jien meta kont nisma' 'l ommi, Alla jaħfrilha, issemmi l-Gwerra l-Kbira. U kont nieħu pjaċir jien għax meta jasal Novembru, l-iskola, konna nixtru *poppy* u ndewmuha xahar sħiħ imwaħħla ma' l-uniformi. U l-kbar kienu jippruvaw jispjegawlna s-sinifikat ta' din il-*poppy*. Allura fl-ewwel gwerra kbira l-ajruplani kienu għadhom primittivi ħafna u allura l-attakki fuq Malta ma kienx hawn. Lill-ommi kont nismagħha tgħid, meta tirreferi għall-gwerra, li kien hawn skarsezzi u eluf ta' nies tas-servizzi kienu jiġu Malta biex jiddewwew. Iżjed minn hekk fuq il-gwerra ma kontx naf.

U għalhekk jien meta kont inkun nofsni rieqed f'ħoġor ommi u nismagħha titkellem fuq il-gwerra, ftit li xejn kont nimpressjona ruħi. Imma meta t-tieni gwerra kbira kienet qed tinħema, u l-Isla, fejn kont inkun f'ħoġor ommi, kont nisma' l-isparar, allura kont bdejt nibża'. Mhux mill-gwerra li ma kontx naf x'inhi, imma mill-istorbju ta' l-isparar. Bħalma tfal żgħar jibżgħu mill-murtali.

Għaliex dak iż-żmien, qed ngħid qrib il-65 sena ilu, Malta kienet waħda mill-bażijiet l-aktar importanti li kellu l-Imperu Ingliż. U l-Port il-Kbir, fejn tgħallimt nimxi jien, kien ikun imballat fil-frejgati tan-*Navy* Ingliża. U t-toroq tal-Kottonera kollha u l-postijiet tan-naħa t'isfel ta' Malta kienu jkunu miżgħudin b'nies tas-servizzi speċjalment baħrin. Allura l-Port il-Kbir kien speċi ta' barometru li kien jimmarka jekk is-sitwazzjoni internazzjonali kinitx timmarka bnazzi jew maltemp.

Malli waslet is-sena 1939 - 62 sena ilu - il-barometru niżel għal kollox, is-sħab iswed beda tiela', beda jberraq u beda jriegħed l-ewwel fil-bogħod u imbagħad fil-qrib. Il-maltemp kien ħiesaq u meta fl-10 ta' Ġunju ta' l-1940, Mussolini, id-dittatur Taljan, indirizza lill-poplu Taljan, it-tempesta faqqgħet bil-qawwa tagħha kollha.

L-għada, 11 ta' Ġunju, jien u l-familja tiegħi kollha, sibna ruħna, b'ta' fuqna senduqna, hawn il-Mosta! Ma konniex waħedna għax eluf ta' nies oħra ħarbu mill-inħawi tal-port u ġew ifittxu kenn hawnhekk.

U hawn, fuq punt personali, inkun qed nonqos jekk ma napprofittax ruħi minn din l-okkażjoni biex nirringrazzja b'mod ġenerali lill-poplu Mosti kollu li laqagħna hawn u b'mod partikolari lil dawk il-familji li tawna kenn ġo darhom. Mhux biss tawna kenn mill-elementi, imma spiċċajna biex iżżewwiġna għandhom: hija, oħti u fl-aħħarnett jien. Qed ngħid għall-familja ta' Ġużepp Ximmi.

L-ewwel ġranet fil-Mosta kien kollox ward u żahar. Il-gwerra kienet għadha 'l bogħod minn hawn. Imma aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar il-gwerra bdiet tiħrax u toqrob lejna. Dak iż-żmien hawn il-Mosta kien

hawn eluf ta' nies tas-servizzi li kienu joqogħdu jew f'tined jew f'xi fortizzi. Erba' passi bogħod, Ta' Qali - Ta' Vneżja konna ngħidulu, kien hemm ajrudrom sħiħ *fully operational*. Minn hemm kienu jittajru ħafna nill-ajruplani tagħna biex jippruvaw jinterċettaw l-ajruplani ta' l-għadu. U hija ħaġa ferm naturali li dan l-ajrudrom spiss ħafna kien ikun il-mira ta' l-ajruplani Taljani u Ġermaniżi. Infatti aħna, mill-movimenti u mill-ħsejjes li kienu jagħmlu l-ajruplani fl-art, ħafna drabi konna nxommu li jkun ġej xi attakk. U dawn l-attakki kienu jiġu ta' spiss. Infatti b'kollox kellna xi 3342 ħbit fuq Malta. Fuq it-tlett elef ħbit li matulhom inxteħtu eluf u tunnellati ta' bombi li meta jintelqu minn dak l-għoli kollu mhux bil-fors jolqtu t-target tagħhom. U għalhekk fil-Mosta kellna ħafna bini mġarraf u ħafna nies tilfu ħajjithom intortament. Tilfu ħajjithom trabi tat-twelid, tfal żgħar, kbar, żgħażagħ, xjuħ ... Hawn il-Mosta kellna wkoll aħna s-sehem tagħna f'din il-gwerra qerrieda. Għalhekk, nerġa' ngħid, qegħdin hawn.

Il-ħbit mill-ajru ġieli kien ikun ħafif u qasir. Ġieli, imma kont taħseb li waslet l-aħħar tad-dinja. Huwa diffiċli tinsa, per eżempju meta żewġ balal waqgħu fl-istess ħin fiż-żewġ bokok tax-xelter ta' Triq Gafà. Il-blast ta' dawn il-bombi mhux qatilhom in-nies, imma qattagħhom u ħaraqhom! Kienu mietu qrib l-40 ruħ u baqgħet magħrufa bħala waħda mill-agħar traġedji tal-gwerra.

Żgur li l-qraba kollha tal-mara tiegħi mhux faċli jinsew meta fid-19 ta' Jannar ta' 59 sena ilu numru ta' bombi waqgħu fuq żewġt idjar fit-Triq il-Ġdida (Triq il-Kungress Ewkaristiku) u qerdu familja sħiħa ta' tmienja min-nies: nanna, omm, missier, aħwa, kuġini ... Familja sħiħa u żagħżugħa nqerdet kompletament minn wiċċ id-dinja. U qraba oħra ta' din l-istess familja kienu mirduma ġo xelter erba' passi bogħod! B'xorti tajba huma ma ġralhom xejn ħlief li malli nħelsu minn taħt l-irdim sabu li tmien membri tal-familja kienu mietu mirduma! Nimmaġinaw biss nistgħu. Kien hemm imwiet oħra u traġedji oħra, imma dawn kienu forsi fost l-agħar traġedji.

Liema Mosti jista' jinsa l-qatgħa li ħa meta sema' li bomba kbira kienet laqtet il-koppla? Kinitx ix-xorti tajba jew xi miraklu li salvaw ir-Rotunda, jiena ma nafx. Żgur imma, li xi forza misterjuża salvat mhux biss l-isbaħ monument li għandna fil-Mosta, imma salvat ukoll il-ħajja ta' xi 300 ruħ li kienu jistkennu ġewwa.

Ma kinux biss il-bombi li ħarbtu l-ħajja kwieta u trankwilla tal-Mostin u tal-Maltin kollha.

Konna nsofru nuqqasijiet ta' kollox. Ikel, ilbies, pitrolju ... inutli noqgħod insemmi ħaġa ħaġa. Kollox! Povri ħaddiema li kull fil-għodu kienu jridu jħallu djarhom biex imorru għax-xogħol speċjalment dawk li kienu jridu jitbegħdu u jmorru jew madwar il-port jew f'xi fortizza. Bħala tfal aħna, l-iskola għalina kienet skoss, skoss. Niġru għall-kenn minn post għall-ieħor, bla kotba, bla ikel, bla xejn. Konna nikkunslaw, imma, li se nitilfu l-lezzjoni! Ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha, uħud minnhom għadhom ħajjin mimlijin bil-għomor, li f'dawk iż-żminijiet koroh u mwiergħa ħadu paċenzja bija biex illum nista' naqra dan li qed naqra!

Bombi, ġuħ, ħmieġ u mard. U żgur li kien hawn il-mard. Ħmieġ, kif forsi tistgħu timmaġinaw, kien hawn ferm iżjed milli trid u kumditajiet u faċilitajiet ta' xejn. Dak iż-żmien fid-djar, mhux tnejn jew tliet kmamar tal-banju kellna, imma lanqas ilma! U lanqas drenaġġ. Min ma jkunx għexha din il-ħajja, ħadd ma jista' jifhimha. Nuqqas ta' kollox u l-ftit affarijiet li konna nsibu konna rridu nixtruhom bir-raxin. Bil-kupuni li kienu qishom bolol. Ġieli kienu jinxtraw affarijiet ta' l-ikel, speċjalment, bil-*black market*. Fl-aħħar wasalna fi żmien fejn xi whud biex ibiegħlek xi ħaġa kienu jitolbuk deheb u mhux flus! Dak iż-żmien il-flus kienu kollha karti u f'każ li l-Ingilterra titlef il-gwerra, kif fil-bidu kien jidher li se tagħmel, dawn il-flus tal-karta jiġu bla valur! Daqshekk konna qegħdin tajjeb!

Bil-ħmieġ, bil-biża', bil-ġuħ, bil-qtajja, kulħadd kien imtela' bil-ponot. Kulħadd qiesu 'San Bert', ferita waħda. *Scabies* konna ngħidulhom. Kulħadd misluħ. Kulħadd rieqed fl-art, fuq xulxin, fl-umdità u fil-waħx tax-xelters. U jekk mhux fix-xelters fil-kannierja, taħt il-knisja u fuq l-oqbra! Kulħadd ħallata ballata. Affarijiet li ma jitwemmnux kemm ikollu jsofri l-bniedem kaġun tal-kapriċċi ta' bnedmin oħra. Immaġinawna llum, ilkoll kemm aħna reqdin fuq xkejjer fuq l-oqbra taħt il-knisja. U l-bombi neżlin! Immaġinaw min kellu t-trabi u l-morda! Titwaħħax tiftakar.

Kienu żminijiet tal-biża'. Tal-waħx. Aħna, imma, dawk kollha tampari jew akbar minni, għadna qegħdin hawn. Ħażin jew tajjeb, żgur mingħajr mertu tagħna, għaddejna l-maltemp kollu u għadna hawn. Qawwijin u sħaħ. Nirringrazzjaw lil Alla.

Imma ħafna minn ħutna ma jistgħux ikunu hawn. Għalhekk dan il-monument u għalhekk din il-kommemorazzjoni. Ħafna minn dawn ħutna nħasdu meta kienu fil-fjur ta' ħajjithom. U l-qerda tagħhom ħalliet warajha ħafna niket, ħalliet romol, orfni u ġenituri mbikkija. Ftit nistgħu nagħmlu aħna ħlief li nitolbu 'l Alla jilqagħhom fi ħdanu u nkomplu nitolbuh biex ħamsin sena oħra ma jkun hawn ebda refuġjat jitkellem quddiem xi monument ieħor!

# Il-Vittmi Mostin

U fl-okkażjoni tas-60 anniversarju mill-miraklu tal-bomba fuq ir-Rotunda, ser nippubblikaw l-ismijiet tal-VITTMI MOSTIN li ħallew din id-dinja bejn l-1940 u l-1945 matul it-Tieni Gwerra Dinjija (skond kif jidhru fuq il-Monument tal-Qalbiena Mostin f'tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku). Dan sabiex niftakru fihom fit-talb tagħna.

Barbara Louis
Barbieri Mary
Bartolo Carmelo
Bartolo Joseph
Bezzina Albino
Bezzina Francis
Bezzina Carmel
Bonanno Matthew
Bonanno Paul
Borg Doris
Borg Emanuel
Borg Mary
Borg Vincent
Bugeja Carmel
Bugeja Carmelo
Bugeja Ives
Bugeja Joseph
Bugeja Mary
Bugeja Marianne
Buhagiar Joseph
Calleja Luigi
Camilleri Emanuel
Camilleri Gerald
Caruana John
Cassar Carmela
Cauchi John Mary
Chetcuti Francis
Chetcuti John Mary
Cuschieri John Mary
Cuschieri Teresa
Degiorgio Anthony
Degiorgio Carmela
Degiorgio Mary
Deguara Joseph
Dimech Saviour
Dougall Giorgina
Fabri John
Falzon Pacifico
Fenech Carmela
Fenech John
Fenech John Mary
Fenech John Mary
Fenech Joseph
Frendo Giovanna
Galea Grazio
Galea John
Galea Saver
Galea Saverina
Galea Saviour
Galea Vitorin
Gatt Edwin
Gatt Francis
Gatt Joseph
Gatt Kalanġ
Gauci Jimmy
Gauci Mary
Gauci Vincent
Grech Emanuel
Grech Joseph
Grech Mary
Grech Rosemary
Haig Jessie
Mangion James
Micallef Catherine
Micallef Domenica
Micallef Peter
Micallef Rita
Mifsud Carmel
Mifsud Concetta
Mifsud Rev. Joseph
Mifsud Ellul Annetto
Montanaro alfred
Montanaro John
Montanaro Mary
Muscat Carmel
Pizzuto Marietta
Riolo Assunta
Riolo Francesca
Sant Paul
St. John alfred
St. John Olga
St. John Nazzareno
Scerri Salvina
Schembri Grezzju
Schembri Joseph
Schembri Horatio
Sciberras John
Spiteri John
Tabone Pina
Tabone Lawrence
Tonna Elia
Tonna Joseph
Tonna Joseph
Tonna Santu
Vella Bartholomeo
Vella Carmel
Vella Evanġelista
Vella Joseph
Vella Joseph
Vella Paul
Vella Sebastian
Vincenti Edwige
Vincenti John
Xuereb Therese
Zammit George
Zammit Saviour
Zammit Vincent
Zarb Jane